

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10499/19

SOC 506
EMPL 393
SAN 314

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru wieħed tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungerija

1. Skont is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/126, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill minn fost il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal perijodu ta' erba' snin.
2. Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019¹, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Madankollu, għad iridu jinħatru ċerti membri u membri supplenti fi stadju aktar tard.
3. Nomina waħda ta' membru wieħed għall-Ungerija ġiet riċevuta mis-Segretarjat tal-Kunsill, kif imniżżel fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 10497².

¹ ĠU L 135, 11.4.2019, p. 7.

² Test finalizzat mill-ġuristi lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru wieħed tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungerija, bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjoni għall-informazzjoni, f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-